MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 1712/1999/1

**Avviz numru 1712/1999DM**

**Attard Tipped Tools Ltd**

**Vs**

**Salvina Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ sitt mija u sebghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm670.68) bilanc ta’ prezz rapprezentanti makkinarju u ghodda mibjugha u kkonsenjata lil zewgha mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-15 ta’ Marzu 1999 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas- subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Salvina Vella fejn eccepiet illi:

1 It-talba tas-socjeta attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi hija qatt ma ghamlet l-ebda negozju ma l-istess socjeta kif jirrizulta mill-avviz stess;
2 Fit-tieni lok hija irrinunzjat ghall-wirt spettanti lilha mill-mewt ta’ zewgha Gaetanu Vella u dana permezz ta’ nota ta’ rinunzja datata 18 ta’ Dicembru 1998 u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
3 Fi kwalunkwe kaz dan id-dejn ma jifformax parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti li kienet ezistenti bejnha u bejn zewgha stante illi dan id-dejn ma kienx sar ghall-bzonnijiet tal-familja u kwindi ma hijiex responsabbli ghall-istess. Fil-fatt il-konvenuta lanqas biss kienet taf fl-esistenza tieghu;
4 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ma jirrizultax dubju illi effettivament il-kumpanija attrici kienet tbiegh makkinarju ghax-xoghol ta’ mastrudaxxa lil Gejtano Vella, u li, mill-prezz ta’ dan il-makkinarju, Gejtano Vella kien ghadu debitur tal-kumpanija attrici fis-somma ta’ Lm670.68 (sitt mija u sebghin lira maltin u tmienja u sittin centezmu).

Minn-naha taghhaom il-konvenuti jirribattu illi, Salvina Vella, li hija l-armla ta’ Gejtano Vella, illi miet qabel ma setgha jigi saldat il-prezz kollu, ma kienet qatt parti minn-negozju li ghamel zewgha mall-kumpanija attrici u ghaldaqstant m’ghandiex tigi tenuta illi taghmel tajjeb

ghad-dejn ta’ zewgha, iktar u iktar meta hija rrinunzjat ukoll ghal wirt tieghu, kif ukoll ghamlu uliehu.

Ghalhekk il-konvenuta u wliedha, stante r-rinunzja tempestiva taghhom ghall-wirt ta Gaetano Vella u n-nuqqas ta xi prova li tista tindika xi accettazzjoni taghhom tal-istess wirt, ma jistghux jigutenuti li jirrispondu ghad-djun li jiffurmaw parti mill-istess wirt.

Pero’ l-konvenuta b’ebda mod ma tikkontesta l-fatt illi zewgha kien mizzewweg maghha, il-fatt illi kienet tezisti bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti, u illi x-xoghol ta’ zewgha kien xoghol ta’ mastrudaxxa u li dan kien ix-xoghol principali tieghu fl-interess tal-komunjoni.

Ghaldaqstant il-makkinarju in kwistjoni, hekk kif kien mixtri, kien ifforma immedjatament parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghall-istess ragunijiet id-dejn tal-prezz tal-istess makkinarju huwa effettivament dejn tal-istess komunjoni tal-akkwisti.

Bil-mewt ta’ Gejtano Vella giet itterminata l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejnhu u l-konvenuta u l-konvenuta ghalhekk bhala proprjetarja assoluta ta’ nofs l-assi u djun tal-istess komunjoni tal-akkwisti hija tenuta illi taghmel tajjeb u thallas lill-kumpanija attrici nofs id-dejn pendenti skond l-avviz fis-somma ta’ Lm335.34 (tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin u erba’ u tletin centezmi).

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma imsemmija ta’ Lm335.34 (tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin u erba’ u tletin centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghax legali b’effett mid-19 ta’ Novembru tal-1999 u b’riserva ta’ kull azzjoni spettanti lill-atturi kontra l-wirt gjacenti ta’ Gejtano Vella *si et quatenus*;

Bl-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------